# IS-SANTWARJI TAL-PALESTINA

# IL-GURDAN U L-MAGHMUDIJA TA' GESU'

## XII

Bil-festa li ta' kull sena fis-6 ta' Jannar Ommna l-Knisja Mqaddsa tagħmel, mhux biss trid tfakkarna fid-dehra ta' Ġesù bħala Bniedem-Alla imma wkoll fil-*Magħmudija* tiegħu fil-Ġuardan minn S. Ġwann Battista. Il-lum f'din is-sensiela ta' kitba fuq is-Santwarji tal-Palestina, irridu nitkellmu fuq dan il-post tal-Magħmudija ta' Ġesù.

ta' l-Eġizzjani. Xi tfisser it-Tevere għall-Italja? It-Tamiġi għall-Ingilterra, il-Marna għal Franza, it-Tago għal Spanja, l-Ebro għal Portugall? Dawn ix-xmajjar huma simbolu ta' ġrajjiet kbar, qalbiena; ifakkruk f'wirjiet ta' demm u ta' biki, ta' kobor u glorja. Illum irridu nwarrbu dawn ix-xmajjar kollha, biex niktbu biss fuq il-Ġurdan. Aħna naħsbu li ebda



Il-Ġurdan.

Fil-ħajja ta' l-umanità x-xmajjar dejjem kellhom siwi kbir u partikulari. Għalhekk, tista' tgħid, f'kull nazzjon hemm xi xmara li, aktar mill-oħrajn tolqot il-ġrajja partikulari tiegħu. Ħudu l-Indja; araw xinhija x-xmara Gange; x'tifsir għandha għal kull Indjan. Ħudu l-Eġittu: ma' dwar ix-xmara Nil intisġu l-isbaħ ġrajjiet

xmara oħra ma tfakkar ġrajjiet kbar u glorjużi daqs il-Ġurdan. Kemm jekk tħares lejh mil-lat reliġjuż, kemm jekk tħares lejh mil-lat fiżiku, il-Ġurdan għandu post għalih fl-istorja u fil-ġeografija. L-ebda xmara oħra ma hi qaddisa kemm għal-Lhud u kemm għall-insara, nasal ingħid ukoll għall-Misilmin; l-ebda xmara oħra ma

turi karateristiċi hekk tal-għaġeb u singulari mal-medda tad-dinja, għax ċirkustanzi storiċi u reliġjużi kabbru s-siwi tagħha, u l-fama tagħha xterdet il-hemm mit-trufijiet tal-Palestina. Alla semmiegħha b'isimha: "Aqsam dan il-Ġurdan" (Deut. IX, I - XI, 31), u l-Iskrittura Mqaddsa ttenni isimha għal 198 darba.

Il-Ġurdan (Hay-Jarden għal-Lhud Esc-Seheria għall-Għarab) huwa x-xmara vera u waħdenija tal-Palestina u tagħraf il-bidu tagħha fis-silġ dejjiemi tal-muntanja Hermon. Din ix-xmara m'għandhiex tant ilmijiet, is-siwi tagħha f'dak li hu saqwi hu limitat bagħad qalb ħafna tgħawwiġ tiġri għal xi mitejn mil biex tintefa fil-*Baħar il-Mejjet*.

## *IL-ĠURDAN FL-ANTIK TESTMENT*

Naqraw fil-kap XIII tal-Ġenesi li r-ragħajja ta' Abram iġġieldu mar-ragħajja ta' Lot minħabba li bejniethom ma kienx hemm art biżżejjed fejn jirgħu l-merħliet tagħhom. Għalhekk Abram qal lil Lot: "Nitolbok, ma jkunx hemm ġlied bejni u bejnek, bejn ir-ragħajja tiegħi u r-ragħajja tiegħek: għax aħna aħwa. Ara: l-art kollha li qegħda quddiemna. Nitolbok



**Ix-xmara Ġurdan**

tbiegħed minni; jekk int tmur lejn ix-xellug, jiena nitlaq lejn il-lemin; jekk tagħżel in-naħa leminija, jiena nitlaq lejn ix-xellugija. Meta Lot refa' għajnejh, u ra kif l-inħawi ta' ma' dwar il-Ġurdan kienu mfawwra bl-ilma, għażel in-naħa tal-Lvant" (Ġen. XIII, 7-11).

Ix-xmara Ġurdan tfakkarna wkoll kif il-poplu Lhudi fi żmien Ġoswe

ħafna. Din ix-xmara tista' tinqasam sewwa fi tliet taqsimiet: dik ta' fuq, tan-nofs u ta' isfel. It-tul tagħha jekk wieħed ma jqisx it-tgħawwiġ huwa ta' xi 90 mil.

In-naħa ta' fuq tax-xmara, twila xi 10 mili, tintefa fil-għadira *HULE*; toħroġ minnha biex tiġġerra għal xi ħdax-il mil ieħor u tintrema fil-għadira ta' *Ġeneżaret jew Tiberijadi*. Im-

qasam ix-xmara minn naħa għall-oħra mingħajr ma biss xarrab riġlejh biex setgħa jieħu taħt idejh l-art imwegħda tal-Palestina. Hekk kif riġlejn is-saċerdoti, li kienu qegħdin jerfgħu l-Arka, messu ma' l-ilmijiet tal-Ġurdan, l-ilmijiet tan-naħa t'isfel komplew neżlin u spiċċaw, filwaqt li l-ilmijiet ta' fuq għolew bħal sur u waqfu, u hekk il-poplu kollu setgħa jaqsam ix-xmara b'riġlejh xotti. (Jos. III, 16-17).

Ix-xmara Ġurdan hija marbuta wkoll ma' l-istorja ta' Elija u Eliżew. hawn qrib il-Ġurdan li Elija ġie meħud is-sema mtajjar fuq karru tan-nar.

*IL-ĠURDAN FIT-TESTMENT IL-ĠDID*

L-istorja tal-Ġurdan tintiseġ kollha kemm hi mal-missjoni ta' San Ġwann Battista. San Ġwann beda il-ministeru tiegħu fid-deżert tal-Ġudea (1) Lejh resqu n-nies ta' Ġerusalemm u ta' kollha kemm hija l-Ġudea u tal-pajjiżi ta' ma' dwar il-Ġurdan, bex jiġu minnu mgħammda



**Fejn għammed San Ġwann.**

Eliżew imnebbaħ minn Alla ma riedx jitlaq lill-Elija, bil-biża li se jħallih waħdu. U meta t-tnejn waslu ħdejn il-Ġurdan, Elija qabad il-mantell tiegħu, ħabbat bih l-ilmijiet tax-xmara, u x-xmara nqasmet u ħalliet liż-żewġ Patrijarki jaqsmuha mingħajr ma xxarbu. (IV Reg. II, 8) U kien fil-Ġurdan waqt li kienu jistqarru dnubiethom. (Matt. III, 5-6 — Mk. I, 1-13).

San Ġwann mgħammidx f'naħa waħda tal-Ġurdan, għax: "Ġwanni terraq l-inħawi kollha tal-Ġurdan jippriedka il-magħmudija tal-penitenza (Lk. III, 3).

Imma l-akbar ġrajja li ġrat fuq ix-xtajtiet tal-Ġurdan kienet tabilħaqq il-Magħmudija ta' Sidna Ġesù Kristu.

Jum fost l-oħrajn ħdejn il-Ġurdan resaq Ġesù; kien ġej minn Nazzaret, imħallat ma' nies oħra, wieħed fost il-ħafna li, miġbuda mill-għajdut ta' dawk li tarrfu għeġubijiet fuq San Ġwann, niżlu hawn biex jisimgħuh jippritka u wara jitgħammdu fil-Ġurdan bil-magħmudija tiegħu. Ħadd ma kien għadu jafu 'l Ġesù, lanqas l-istess San Ġwann, li kien jiġi minnu. U dan jistqarru S. Ġwann stess: "Jiena ma kontx nafu" (Ġw. I, 33). U ma nistagħġbux; għax il-Vanġelu jgħidilna li S. Ġwann sa minn ċkunitu kien tbiegħed minn dar missieru u mar igħix fid-deżert (Lk. I, 80), u hemm għex għal għoxrin sena sħaħ. S. Ġwann kien bniedem ta' fidi kbira u sħiħa; qatt ma fittex li jagħraf 'l dak l-iben ta' Marija, li twieled sitt xhur warajh.

Malli Ġesù niżel fil-Ġurdan u talab lil S. Ġwann biex igħammdu, dan malajr għarfu u qallu: "Kif tiġi titgħammed int għandi, meta huwa jien li jeħtieġ li niġi mgħammed minnek?" Imma Ġesù wieġeb u qal: "Bl-ebda mod; jeħtieġ li hekk titwettaq ġustizzja". Għalhekk S. Ġwann għammed lil Ġesù. Kif Ġesù ħareġ mill-ilma, infetħu s-smewwiet u Ġwanni ra lill-Ispirtu t'Alla nieżel bħal ħamiema u tieqaf fuqu. U leħen mis-sema nstema jgħid: "Dan hu l-Iben għażiż tiegħi, li fih insib il-għaxqa tiegħi" (Matt. III, 13-17).

Forsi xi ħadd jistaqsi: "Ma kienx jafu u għarfu hekk malajr"? It-tweġiba jagħtihilna l-Evanġelista San Ġwann fil-Vanġelu tiegħu: "Jiena ma kontx nafu, iżda dak li bagħatni nagħmmed bl-ilma qalli: "Dak li tara r-Ruħ nieżel u joqgħod fuqu, dak hu li jagħmmed b'Ruħ il-Qodos. U jiena rajtu u xhidt li hu l-Iben t'Alla". (Ġw. I, 33-34). Mela biss b'ispirazzjoni tas-sema li S. Ġwann għaraf f'Ġesù l-Messija.

*IL-POST EŻATT TAL-MAGĦMUDIJA*

F'liema naħa tal-Ġurdan Ġesù ġie mgħammed? L-Evanġelisti jagħtuna x'nifhmu li Ġesù ġie mgħammed fuq ix-xtajta tal-punent tal-Ġurdan f'xi naħa fejn wieħed setgħa mingħajr tfixkil jiġi mgħammed u magħruia minn kulħadd. Din in-naħa tiġi xi ħames mili 'l fuq mill-Baħar il-Mejjet, qrib pajjiż imsejjaħ Betanja (2) jew Bethabara (Ġw. I, 28).

Dan jiġi kkonfermat mit-Tradizzjoni kważi kontinwa lhudija u nisranija. Sa mill-ewwel żmenijiet tar-Reliġjon nisranija, il-postijiet imqaddsa milħajja ta' Kristu ġew imgħożża b'qima speċjali, u mfakkra b'xi monument li jixhed tabilħaqq din il-għożża. Hekk ġara f'Nazzaret fejn Ġesù ġie mnissel bl-opra ta' l-Ispirtu s-Santu fil-ġuf ta' Marija SSma; hekk ġara f'Betlem fejn Marija wildet 'il Ġesù; u hekk ġara fix-xmara tal-Ġurdan fejn Ġesù ġie mgħammed. Sa mill-qedem nett irraba' seklu ġo l-istess xmara tpoġġiet kolonna b'salib tal-ħadid fuqha biex turi l-post eżatt tal-magħmudija ta' Ġesù. Dan ifakkru l-kappelli u l-knejjes li nbnew matul iż-żmenijiet; dan ifakkru l-kunvent tal-patrijiet li għadu sallum jissejjaħ Der Mar Juhanna.

S Marija Eġizijaka (+421) fil-jum stess tal-magħmudija tagħha li ġrat fis-sena 373 marret dik in-naħa tal-Ġurdan fejn Kristu ġie mgħammed u hemm sabet knisja ddedikata lil San

Ġwann u wara li tqarbnet marret tistrieħ fil-monasteru ta' ma' ġenbha. U ma' tul is-sekli dan hu l-post li fittxew il-pellegrini li kienu iġorru l-morda tagħhom biex iniżżluhom jinħaslu f'l-ilmijiet tal-Ġurdan imqaddsa mill-magħmudija ta' Kristu.

*IL-ĠURDAN U L-FRANĠISKANI*

Il-Patrijiet Franġiskani wara ħafna taħbit u nfieq ta' flus waslu sa fl-kappella u ospizju għall-pellegrini; il-monument l-ieħor jikkonsisti f'bini ma' ġenb ix-xtajta tax-xmara magħmul minn altar sempliċi mgħotti b'Baldakkin tal-ġebel u taraġ li minnu wieħed jista' jinżel sal-ilmijiet tax-xmara. Fl-1956 il-Missjoni tat-Terra Santa ħasbet li tirranġa l-monument mibni fuq ix-xtajta. Tneħħa l-concrete kollu li kien jgħatti l-kappella, inżammew il-kolonni u ġew miksija bil-ġebel u fuqhom inbniet daqsxejn ta' koppla.



**Ix-xmara tal-Ġurdan imfawra.**

aħħar biex jixtru dik in-naħa tax-xtajta tax-xmara fejn, skond it-Tradizzjoni ġie mgħammed Ġesù; hemm fl-1934 waqqfu żewġ monumenti jew aħjar santwarji żgħar biex b'hekk ifakkru din il-ġrajja qaddisa. L-ewwel monument jikkonsisti f'medda kbira ta' xagħri b'fiha mibnija

Din il-kappella ġiet imbierka fit-13 ta' Awissu 1956 mill-Ġeneral ta' l-Ordni Franġiskan, il-W.R.P. Wistin Sepinski li qaddes ukoll fiha fuq l-altar tal-ġebel abjad ta' Betlem.

Fit-18 ta' Diċembru ta' l-istess sena skossa ta' terremot ġarrfet kważi għal kollox l-ospizju ul -kappella tax-xagħ-

ri. Għalhekk flik li ssewwiet mill-ġdid il-kappella, ġiet mibnija oħra ġdida flokha. Din hija mibnija fuq tmien kolonni, b'fuqhom koppla li tispiċċa b'salib tal-ġebel fuqha. Bejn il-kolonni jinfetħu twieqi kbar, biex kull min ikun hemm ma' dwarha jista' jara lis-saċerdot iqaddes u jagħmel il-funzjonijiet l-oħra. Fiha altar wieħed. Din il-kappella ġiet inawgurata fit-28 ta' Novembru 1957 mir-Rev-mu P.A. Polidori, O.F.M., Kustodju tat-Terra Santa.

Hekk illum żewġ monumenti ġodda jfakkru lill-pellegrini l-ġrajja tal-Magħmudija ta' Ġesù. U l-pellegrini bi ħġarhom jinżlu f'dawk l-ilmijiet imqaddsa itennu ħerqana l-wegħdiet magħmula għall-ewwel darba fil-magħmudija tagħhom. (3) Kemm hi sabiħa din id-drawwa u kemm tidher f'waqtha f'dak il-post tant qaddis. Jalla kull min jagħmilha, jagħmilha tassew b'qalb niedma u safja biex fuqu wkoll jinstama l-leħen tal-aktar Għoli: Dan hu l-Iben tiegħi li fih insib l-għaxqa ta' qalbi.

P. MIKIEL CATANIA, O.F.M.

---

(1) Skond l-Antik Testment b'*deżert tal-Ġudea* nifhmu dik in-naħa mhux imgħammra tal-Ġudea li tinsab bejn Ġerusalemm - Betlem - Ebron sal-Ġurdan u l-Baħar li-Mejjet (Gios. XV, 61; Giul. I, 16).

(2) *Betanja*. Tħalltuhix ma' Betanja l-oħra fejn kienu joqgħodu Marta u Marija, ħut Lazzru li fid-dar tagħhom Ġesù kien ta' sikwit imur jistrieħ (Gov. XI, 1).

(3) Xi whud jitgeżwru f'liżar abjad, li mbagħad jiġi merfuħ biex jinqdew bih fil-kefen tagħhom.

KURJOŻITA'

# TGĦID SKRUPLU TA' KUXJENZA?

Tistagħġeb kif ċerti problemi jistgħu jinqalgħu llum f'ċerti nazzjonijiet, meta dawn l-istess problemi lanqas biss jidħlu f'ras ta' mexxejja ta' nazzjonijiet oħra. Imma mhux kulħadd iħares lejn l-istess problemi bl-istess nuċċali. Illum kulħadd jaf li l-logħob tal-football daħal kullimkien; bħal marda li tittieħed laqat lill-kotra. Kulħadd iħares lejh bħala sport popolari ħafna, u l-ammiraturi tiegħu jingħaddu bil-miljuni. Biżżejjed l-aħbar ta' logħba daqsxejn importanti u akkanita, u l-kotra tinxteħet mixruba quddiem it-television, jekk ma tistax tmur fil-ground, għax dan l-isport iħajrek u jaqtalek il-kurżitajiet tiegħek, biex ma ngħidux li joħloq piki, u jħalli warajh diskussjonijiet bla tarf.

U kienet diskussjoni sħuna u ħarxa dik li tqanqlet ftit taż-żmien ilu bejn il-Lhud tal-Palestina u kompliet qasmet il-kotra f'żewġ partiti ġmelhom sewwa.

Mela meta l-Ingilterra kienet għadha tħares l-art tal-Palestina ġie pubblikat *White Book* fuq is-sitwazzjoni ta' dak il-pajjiż. Il-mexxejja taż-Żijoniżmu qatgħuha li jorganizzaw mal-pajjiż kollu protesta qawwija biex jikkundannaw dak kollu li kien hemm f'dan il-ktieb. Mhux hekk ħasbuha l-egħdewwa politiċi tagħhom, il-hekk imsejħin Agudis-